**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u hamsin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar l-Erbgha, 18 ta' Marzu 2015 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

1. **Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Vici Sindku |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li jkun skuzat.

2. **Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

3. **Approvazzjoni tal-Minuti Seduta Nru 350**

Il-Minuti ġew iċċirkolati u ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti gew approvati mill-membri prezenti.

4. **Punti li johorgu mill-Minuti**

**a) Resurfacing ta' Toroq**

Is-Sindku nfurma lill-membri li minn erba' toroq li kienu ppjanati li jinghataw resurfacing, saru tlieta, wara li kellna diffikultajiet mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma dwar is-servizzi tal-ilma fi Triq San Gwann. Is-Sindku nfurma lill-membri li qabel il-Kunsill ikollu risposta mill-Korporazzjoni, x-xoghol ta' resurfacing ippjanat ghal din it-triq jitwaqqaf.

**b) Traffic Managment fi Triq Lord Byron**

Is-Sindku spjega li hu attenda ghal laqgha bejn il-kumpanija LIDL u l-Kunsill Lokali Sta Venera, dwar id-diffikultajiet ta' traffic management fl-inhawi ta' Misrah il-Barrieri. Is-Sindku nfurma lill-membri li jkun opportun jekk il-Kunsill jistenna d-decizjoni finali dwar il-kaz imsemmi qabel jipprocedi bit-talba ghal tibdil fit-traffic Management propost.

## 5. Xoghlijiet mill-Kunsill

a. Misrah il-Vittmi Hamrunizi - Is-Sindku nfurma lill-membri li wara li kellu bosta lmenti u suggerimenti dwar it-telqa li kien jinsab fih Misrah il-Vittmi Hamrunizi. Fuq suggeriment tal-istess residenti, nbeda xoghol sabiex dan il-gnien jinghata dehra ahjar billi ssir manutenzjoni tal-konki. Barra minhekk bhalissa jinsab ghaddej ix-xoghol fuq il-monument ddedikat lill-Hamrunizi li sfaw vittmi tal-attakki mill-ghadu fit-tieni gwerra dinjija li mistenni jsir fl-istess gnien.

b. Gnien Anton Buttigieg - Is-Sindku nfurma lill-membri li l-*playing equipment* u r-*rubber flooring* gew imwahhlin u kien qed jigi ppjanat li jigi inawgurat fis-27 ta' Marzu, izda minhabba l-fatt li jinzerta d-Duluri, l-Kunsill hass li kellha tinghazel gurnata ohra. Fil-fatt, is-Sindku ha hsieb jikkuntattja lill-Ministru Michael Farrugia sabiex jivverifika jekk hux possibli li din l-inawgurazzjoni tinzamm fis-26 ta' Marzu, izda l-Ministru ma jistax. Ghaldaqstant is-Sindku talab li tinstab gurnata ohra. Il-Kunsill Mario Caruana ssuggerixxa li l-gnien jigi inawgurat xi darba l-Hadd filghodu. Il-Kunsillier Carmen Borg spjegat progett mill-anzjani, li jista jsir fl-istess gnien, fejn l-anzjani taghna jahdmu gverta tal-crochet, li biha jinkesa zokk ta' sigra fl-istess gnien. Dan il-progett sar f'Tenerife u anke fi Sweden. Il-Kunsillier Carmen Borg issuggeriet li tkun idea tajba li l-Kunsill Hamrun jkun pijunier ta' din l-idea f'Malta. Il-Kunsill qabel mal-idea tal-Kunsillier Borg. Gie deciz li l-inawgurazzjoni ta' Gnien Anton Buttigieg tinzamm il-Hadd 29 ta' Marzu 2015 fl-10.00a.m.

c. Il-Kunsillier Cedric Valletta gibed l-attenzjoni li mal-approvazzjoni tal-Budget ghas-Sena 2015, jidher li se jkun hemm deficit. Ghaldaqstant staqsa kif se jahdem il-Kunsill. Is-Sindku fisser li dan l-ezercizzju diga sar mal-accountant tal-Kunsill u jidher li hemm fondi bizzejjed biex isiru x-xoghlijiet pjanati.

## 6. Promozzjoni tal-Impjegata Abigail Calleja

Is-Sindku spjega li dan il-Kunsill se jhalli wahda mill-impjegati, s-Sinjorina Abigail Calleja, fis-Skala 15, liema impjegata matul dawn it-tlett snin integrat sew fil-hidma taghha. Fil-fatt dan jista' jigi kkonfermat fil-Performance Appraisals li kellha matul dawn is-snin, fejn matul l-ahhar Performance Appraisal Report, is-Sinjorina Calleja eccellat fis-servizzi taghha, fejn hadmet bla heda fil-Customer Care Desk minghajr diffikultajiet u ghas-sodisfazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv.

Ghaldaqstant is-Sindku ppropona li l-impjegata Abigail Calleja tinghata l-Promozzjoni ghall-Ufficcjal Ezekuttiv fi Skala 13.

Il-Kunsill approva li s-Sinjorina Calleja tinghata l-promozzjoni ghal Skala 13.

## *7. Hwejjeg ta' Natura Urgenti*

Il-Kunsillier Judith Bugeja gibdet l-attenzjoni li l-hofra fi Triq Wenzu Mallia baqghet ma saritx. Barra minhekk fi Triq Wenzu Mallia k/m Triq Qrejten hemm 2 hofor perikoluzi mmens.

Il-Kunsillier Cedric Valletta rringrazzja lil shabu membri tal-esperjenza li kiseb matul dawn id-disa' snin li kellu fuq il-mejda tal-Kunsill

Il-Kunsillier Cedric Valletta gibed l-attenzjoni li l-Kunsill ghandu jaghmel aktar pressjoni mal-kuntrattur tal-Knis minhabba t-telqa li hawn fil-lokalita'.

Il-Kunsillier Cedric Valletta nfurma lill-membri li quddiem il-propjeta 214, Triq il-Kbira San Guzepp hemm tappiera antika tal-ilma, li tant nizlet l-isfel qed isservi ta' maghqad tal-ilma.

Il-Kunsillier Cedric Valletta gibed l-attenzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv li matul il-granet li ghaddew, ittella' ritratt fuq is-sit socjali ta' Facebook, ta' persuni qed jizbghu xi affarijiet relatati mal-Pagaent li mistennija ssir fil-lokalita'. Il-Kunsillier Valletta gibed l-attenzjoni li dan ix-xoghol kien qed isir fil-pjazza ta' quddiem il-Kunsill. Hu jhoss li hawn mhux post adegwat fejn isir dan ix-xoghol ta' zebgha. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsillier Valletta li hi ma kinitx infurmata b'dan u ghaldaqstant se tigbed l-attenzjoni tal-Ghaqda sabiex dan ix-xoghol isir xi mkien iehor.

Il-Kunsillier Mario Caruana staqsa jekk il-Kunsill hux kuntent bid-decizjoni tal-Pulizija, dwar il-kaz tal-vandalizmu fuq il-binja tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-Pulizija ghandhom idejhom marbuta minhabba li sar tibdil fil-ligi. Is-Sindku nfurma li hadd mhu kuntent b'din is-sitwazzjoni izda f'dan l-istadju mhux ghaqli li tinhareg stqarrija.

Il-Kunsillier Mario Caruana rringrazzja lil kulhadd u kien qal li kien ta sodisfazzjon ghalih li matul dawn is-snin, bit-tajjeb u l-hazin, kien hawn Kunsill li dejjem hadem bil-hsieb li l-gid tal-lokalita' jkun il-prijorita'.

Il-Kunsillier Judith Bugeja, jekk ma tibqax membri tal-Kunsill, offriet lill-Kunsil li jekk il-Kunsill jaccetta hi tkompli toffri s-servizz taghha fil-Gurnal tal-Kunsill.

Il-Vici Sindku Christian Sammut dahal ghal-laqgha fis-6.30p.m.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li fi Triq San Gwann u Triq San Gejtanu hemm zewg hofriet perikoluzi li jehtiegu l-attenzjoni b'mod immedjat.

Il-Kunsillier Carmen Borg issuggeriet li l-Kunsill jinvesti fi Projector sabiex jintuza ghall-attivitajiet kulturali u lezzjonijiet ohra li jigu organizzati fil-binja tal-Kunsill.

## 8. Tender – Purchase & Installation of 5 Desktop Computers –

Is-Segretarju Ezekuttiv poggiet fuq il-mejda 5 tender documents li gew mitfugha ghal xiri ta' 5 desktop computers ghall-ufficini tal-Kunsill.

Il-Kunsill iddecieda li din it-tender tigi diskussa mill-Kunsill il-gdid

## 9. Korrispondenza

Ittra Kappillan Parrocca Kuncizzjoni – Il-Kunsill qabel li l-manutenzjoni tal-floodlights issir mill-Kuntrattur tal-Kunsill filwaqt li l-manutenzjoni tal-globi ghadha tigi rrapurtata lill-Korporazzjoni Enemalta

Noel Debattista – Hamrun Spartans Youth Nursery – Is-Sehem tal-Kunsill Lokali f'Tony Bajada Memorial Tournament. Is-Sindku talab li jingabar rendikont finanzjarju mill-kumitat organizzattiv sabiex il-Kunsill ikun f'pozizzjoni li jiddeciedi s-sehem tieghu f'dan it-tournament.

Il-Kunsillier Judith Bugeja staqsiet jekk in-Nursery applikatx mal-Liceo San Gorg Preca sabiex jibbenefikaw mill-AED. Dan sabiex in-Nursery ma tispiccax b'2 magni. Kien hemm diskussjoni dwar il-magna tal-AED u gie propost li din il-magna tinzamm fl-Ghassa tal-Pulizija. Il-Vici Sindku ssuggerixxa li l-AED tinghata lil Hamrun Spartans Football Grounds. Gie deciz li l-Kunsillier Judith Bugeja tivverifika mal-Liceo jekk in-Nursery applikatx mal-iskola ghal din il-magna u d-decizjoni tittiehed wara.

Kurt Buttigieg – Talba sabiex jinghata Residents Parking – Il-Kunsill ra d-dokumentazzjoni pprovduta mis-Sur Buttigieg u qabel li jinghata Residents Parking.

Kunvent San Frangisk – Talba ghall-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali f'attivita' kulturali li se tinzamm fil-lokalita' fl-okkazjoni tal-ftuh mill-gdid tal-Kappella. Il-Kunsill approva s-sehem tieghu f'din l-attivita' billi jkopri nofs in-nefqa, jigifieri €400.

**10. Skeda ta' Hlasijiet**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista għall-ħlasijiet li rċieva l-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

**11. Ohrajn**

Is-Sindku gibed l-attenzjoni s-sospensjoni tal-1Hr Parking Scheme taghlaq fl-ahhar tax-xahar u l-Kunsill ghandu jregga' kollox ghan-normal, wara bosta lmenti kemm mir-residenti kif ukoll mis-sidien tal-hwienet ilmentaw li din is-sospensjoni affettwathom hazin.

Il-Kunsillier Cedric Valletta staqsa jekk matul dawn l-erba' xhur, il-Kunsill rax zvilupp fis-settur ekonomiku. Il-Kunsillier Valletta enfasizza li Kunsill gdid ghandu jara li jigbor feedback mis-sidien tal-hwienet.

Is-Sindku fisser li s-sospensjoni tal-1 Hr Parking jiskadi fl-ahhar ta' Marzu u l-Kunsill jinsab fi stadju ta' Elezzjoni Lokali u huwa mportanti li l-Kunsill il-gdid jikkonsidra l-izviluppi li kienu saru u hu mportanti li jerga' jiddiskuti ma min hu kkoncernat, l-andament ta' kif se tithaddem l-iskema tal-1 Hr Parking.

Il-Kunsillier Cedric Valletta rega enfasizza li huwa ferm importanti li l-Kunsill gdid jaghmel laqghat mas-sidien tal-hwienet sabiex jaraw il-punti di vista taghhom, dwar din l-iskema.

**12. Aġġornament.**

Il-laqgha ġiet aġġornata.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.15p.m.

Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

DATA